CCT/410/11/S

Anunzjata Muscat
Vs
Richard Buhagiar

Illum 28 ta'Marzu,2011.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Anunzjata Muscatipprezentata fit-18 ta'Settembru,2011 u r-risposta ta' Richard Buhagiar ipprezentata fil-15 ta'Frar,2012;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni taghhom fl-1 ta'Marzu,2012;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ilment fuq libsa mixtrija li wara li intlibset darba, minn xi partijiet taghha, hargu xi tnietex;

Illi l-ilment tar-rikorrenti jirrigwarda li din il-libsa intlibset darba u ma ppretenditx li f'certi partijiet fuq quddiem tal-libsa u fuq l-ispalla tal-lemin, johorgu t-tnietex;

Illi min-naha tieghu l-intimat sostna li t-tnietex hargu minhabba li hakket ma' xi haga;

Illi ma hemmx kontestazzjoni dwar li l-libsa inbieghet f'kundizzjoni perfetta pero l-ilment tar-rikorrenti hu li libsa li tiswa' €210, m'ghandux jigrilha hekk wara li intlibset darba;

Illi ghandu jinghad ukoll li f'kaz ta' libsa, il-prezz ma jinkludix biss il-materjal u x-xoghol biex saret il-libsa izda wiehed ikun qed ihallas ghall-kreattivita u ghad-disinn tal-istess;

Illi huwa dejjem l-obbligu ta' min qed joffri servizz jew ibiegh xi haga, li jaghti kull informazzjoni importanti li konsumatur ghandu bzonn biex jaghmel ghazla infurmata;

Illi dan it-Tribunal hu tal-fehma li ma kellux isehh dan wara biss darba li intlibset u fi kwalunkwe kaz, ir-rikorrenti

kellha tinghata l-informazzjoni necessarja jekk din il-libsa kienet daqshekk delikata;

Illi dan it-Tribunal, wara li anki ra l-libsa in kwistjoni, hu tal-fehma li l-libsa xorta ghadha tista' tintlibes;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' in parte it-talba ta' Anunzjata Muscat u Jichad l-eccezzjonijiet ta' Richard Buhagiar fejn hu inkompatibbli ma' dak deciz filwaqt li Jordna lil Richard Buhagiar ihallas lir-rikorrenti Anunzjata Muscat is-somma ta' €50 stabbilita *ex aequo et bono*, b'kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru